# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 451

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 65**

**28 ta' Novembru 2022**


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**


2022/C 451/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . . . 1


V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**


2022/C 451/02 Kawża C-241/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Riigikohus – l-Estonja) – I. L. vs Politsei- ja Piirivalveamet (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2008/115/KE – Ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment – Artikolu 15(1) – Żamma taħt detenzjoni – Raġunijiet għal detenzjoni – Kriterju ġenerali bbażat fuq ir-riskju li l-eżekuzzjoni effettiva tat-tneħħija tkun kompromessa – Riskju li jitwettaq reat kriminali – Konsegwenzi tal-istabbiliment tar-reat u tal-għoti ta' sanzjoni – Kumplikazzjoni tal-proċess ta' tneħħija – Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Limitazzjoni tad-dritt fundamentali għal-libertà – Rekwiżit ta' bażi legali – Rekwiżiti ta' ċarezza, ta' prevedibbiltà u ta' aċċessibbiltà – Protezzjoni mill-arbitrarjetà) . . . . . 2

2022/C 451/03 Kawża C-250/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Naczelny Sąd Administracyjny – il-Polonja) – Szef Krajowej Administracji Skarbowej vs O. Fundusz Inwestycyjny Zamknięty reprezentowany przez O S.A. (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas – Eżenzjonijiet – Artikolu 135(1)(b) – Għoti ta' krediti – Kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni) . . . . . 3


MT

| | | |
|---|---|---|
| 2022/C 451/04 | Kawża C-266/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sofiyski gradski sad- il-Bulgarija) – fil-proċedura kriminali kontra HV (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika komuni tat-trasport – Direttiva 2006/126/KE – Artikolu 11(2) u (4) – Sospensjoni tad-dritt tas-sewqan ta' vettura bil-mutur mogħtija – Liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Istat Membru ta' residenza normali permezz ta' bdil ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor – Rifjut mill-ewwel Stat Membru li jeżegwixxi deċiżjoni ta' sospensjoni tad-dritt ta' sewqan adottata mit-tieni Stat Membru – Obbligu għat-tieni Stat Membru li ma jirrikonoxxix, fit-territorju tiegħu, il-validità tal-liċenzja tas-sewqan li kienet suġġetta għal sospensjoni) | 3 |
| 2022/C 451/05 | Kawża C-293/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – UAB "Vittamed technologijos", fi stralċ vs Valstybinė mokesčių inspekcija (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa – Oġġetti u servizzi użati mill-persuna taxxabbli għall-ħolqien ta' beni kapitali – Artikoli 184 sa 187 – Aġġustament tat-tnaqqis – Obbligu ta' aġġustament tat-tnaqqis tal-VAT fil-każ ta' tpoġġija fi stralċ ta' din il-persuna taxxabbli u tat-tħassir ta' din tal-aħħar mir-reġistru tal-persuni taxxabbli suġġetti għall-VAT) | 4 |
| 2022/C 451/06 | Kawża Magħquda C-433/21 u C-434/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – Agenzia delle Entrate vs Contship Italia SpA (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni diretta – Libertà ta' stabbiliment – Taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji – Sistema fiskali kontra l-evażjoni għall-kumpanniji tal-isem – Determinazzjoni tad-dħul taxxabbli abbażi ta' dħul minimu preżunt – Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-sistema fiskali tal-kumpanniji u tal-entitajiet ikkwotati fis-swieq irregolati nazzjonali) | 5 |
| 2022/C 451/07 | Kawża C-436/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – flightright GmbH vs American Airlines, Inc. (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 3(1)(a) – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 2(f) sa (h) – Kunċett ta' "biljett" – Kunċett ta' "riservazzjoni" – Kunċett ta' "titjira konnessa" – Riservazzjoni permezz ta' aġenzija tal-ivjaġġar – Artikolu 7 – Kumpens tal-passiġġieri tal-ajru fil-każ ta' dewmien twil ta' titjira – Operazzjoni ta' trasport komposta minn diversi titjiriet operati minn trasportaturi tal-ajru effettivi separati – Titjira konnessa bi tluq minn ajruport li jinsab fi Stat Membru, b'waqfa fl-Isvizzera u b'destinazzjoni finali f' pajjiż terz) | 6 |
| 2022/C 451/08 | Kawża C-673/21 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 – KN vs Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) (Appell – Dritt istituzzjonali – Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) – Kodiċi ta' kondotta – Allegazzjonijiet ta' fastidju psikoloġiku kontra membru tal-KESE – Investigazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) – Deċiżjoni li l-membru ma jibqax iżomm il-funzjonijiet tiegħu ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni tal-persunal – Rikors għal annullament u għal kumpens) | 6 |
| 2022/C 451/09 | Kawża C-383/22 P: Appell ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2022 minn SFD S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-30 ta' Marzu 2022 fil-Kawża T-35/21 – SFD vs EUIPO – Allmax Nutrition (ALLNUTRITION DESIGNED FOR MOTIVATION) | 7 |
| 2022/C 451/10 | Kawża C-420/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Törvényszék (l-Ungerija) fl-24 ta' Ġunju 2022 – NW vs Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság, Miniszterelnöki Kabinetirodát vezető miniszter | 7 |
| 2022/C 451/11 | Kawża C-429/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Wien (l-Awstrija) fit-28 ta' Ġunju 2022 – VK vs N1 Interactive Ltd. | 8 |
| 2022/C 451/12 | Kawża C-528/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Törvényszék (l-Ungerija) fit-8 ta' Awwissu 2022 – PQ vs Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság u Miniszterelnöki Kabinetirodát vezető miniszter | 9 |
| 2022/C 451/13 | Kawża C-532/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fid-9 ta' Awwissu 2022 – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca, Administrația Județeană a Finațelor Publice Cluj vs SC Westside Unicat | 10 |

2022/C 451/14 Kawża C-563/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija) fit-22 ta' Awwissu 2022 – SN u LN, irrappreżentata minn SN . . . . . . . . . . . . . . . . . 11

2022/C 451/15 Kawża C-625/22 P: Appell ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2022 minn Grail LLC mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla Estiża) fit-13 ta' Lulju 2022 fil-Kawża T-227/21, Illumina vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 13

**Il-Qorti Ġenerali**

2022/C 451/16 Kawża T-170/21: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2022 – Ben Ali vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija – Mewt tar-rikorrent – Assenza ta' tkomplija tal-istanza mill-aventi kawża – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 14

2022/C 451/17 Kawża T-130/22: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2022 – Biologische Heilmittel Heel vs EUIPO – Esi (TRAUMGEL) (Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea TRAUMGEL – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti Traumeel – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Assenza ta' xebh bejn il-prodotti – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Rikors manifestament infondat fid-dritt) . . 14

2022/C 451/18 Kawża T-569/22: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2022 – QZ vs EIB . . . . . . . . . . . . . . . 15

2022/C 451/19 Kawża T-570/22: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2022 – Herbert Smith Freehills vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 16

2022/C 451/20 Kawża T-571/22: Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2022 – Sberbank Europe v SRB . . . . . . . 16

2022/C 451/21 Kawża T-572/22: Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2022 – Sberbank Europe vs SRB . . . . . . . 17

2022/C 451/22 Kawża T-619/22: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2022 – CMB vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . . 18

2022/C 451/23 Kawża T-627/22: Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2022 – Vi.ni.ca. vs EUIPO – Venica & Venica (agricolavinica. Le Colline di Ripa) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 19

2022/C 451/24 Kawża T-629/22: Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2022 – LAICO vs Il-Kunsill . . . . . . . . . . . . 20

2022/C 451/25 Kawża T-635/22: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2022 – Fridman *et* vs Il-Kunsill . . . . . . . . . 21

2022/C 451/26 Kawża T-636/22: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2022 – U. I. Lapp vs EUIPO – Labkable Asia (Labkable Solutions for cables) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 21

2022/C 451/27 Kawża T-640/22: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2022 – Westpole Belgium u Unisys Belgium vs Il-Parlament . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 22

2022/C 451/28 Kawża T-641/22: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2022 – Portigon vs SRB . . . . . . . . . . . . . . 24

2022/C 451/29 Kawża T-642/22: Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2022 – Yanukovych vs Il-Kunsill . . . . . . . . . 25

2022/C 451/30 Kawża T-643/22: Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2022 – Yanukovychvs Il-Kunsill . . . . . . . . . 26

2022/C 451/31 Kawża T-530/20: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2022 – Interfloat u GMB vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 27

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2022/C 451/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 441, 21.11.2022

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 432, 14.11.2022

ĠU C 424, 7.11.2022

ĠU C 418, 31.10.2022

ĠU C 408, 24.10.2022

ĠU C 398, 17.10.2022

ĠU C 389, 10.10.2022

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Riigikohus – l-Estonja) – I. L. vs Politsei- ja Piirivalveamet**

**(Kawża C-241/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2008/115/KE – Ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment – Artikolu 15(1) – Żamma taħt detenzjoni – Raġunijiet għal detenzjoni – Kriterju ġenerali bbażat fuq ir-riskju li l-eżekuzzjoni effettiva tat-tneħħija tkun kompromessa – Riskju li jitwettaq reat kriminali – Konsegwenzi tal-istabbiliment tar-reat u tal-għoti ta' sanzjoni – Kumplikazzjoni tal-proċess ta' tneħħija – Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Limitazzjoni tad-dritt fundamentali għal-libertà – Rekwiżit ta' bażi legali – Rekwiżiti ta' ċarezza, ta' prevedibbiltà u ta' aċċessibbiltà – Protezzjoni mill-arbitrarjetà)***

(2022/C 451/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

**Qorti tar-rinviju**

Riigikohus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* I. L.

*Konvenut:* Politsei- ja Piirivalveamet

**Dispożittiv**

L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jippermettix lil Stat Membru jordna ż-żamma taħt detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment abbażi biss ta' kriterju ġenerali bbażat fuq ir-riskju li l-eżekuzzjoni effettiva tat-tneħħija tiġi kompromessa, mingħajr ma tiġi ssodisfatta waħda mir-raġunijiet speċifiċi ta' detenzjoni previsti u ddefiniti b'mod ċar mil-leġiżlazzjoni intiża li tittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali.

([1]) ĠU C 242, 21.6.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Naczelny Sąd Administracyjny – il-Polonja) – Szef Krajowej Administracji Skarbowej vs O. Fundusz Inwestycyjny Zamknięty reprezentowany przez O S.A.**

**(Kawża C-250/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas – Eżenzjonijiet – Artikolu 135(1)(b) – Għoti ta' krediti – Kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni)***

(2022/C 451/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Szef Krajowej Administracji Skarbowej

*Konvenut:* O. Fundusz Inwestycyjny Zamknięty reprezentowany przez O S.A.

**Dispożittiv**

L-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jaqgħu taħt il-kunċett ta' għoti ta' kreditu, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, is-servizzi pprovduti minn sottoparteċipant taħt kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni, li jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' oriġinatur ta' kontribuzzjoni finanzjarja inkambju tal-ħlas tal-prodotti li jirriżultaw mir-riċevibbli speċifikati f'dan il-kuntratt, li jibqgħu fl-assi tal-oriġinatur.

([1]) ĠU C 289, 19.07.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sofiyski gradski sad- il-Bulgarija) – fil-proċedura kriminali kontra HV**

**(Kawża C-266/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika komuni tat-trasport – Direttiva 2006/126/KE – Artikolu 11(2) u (4) – Sospensjoni tad-dritt tas-sewqan ta' vettura bil-mutur mogħtija – Liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Istat Membru ta' residenza normali permezz ta' bdil ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor – Rifjut mill-ewwel Stat Membru li jeżegwixxi deċiżjoni ta' sospensjoni tad-dritt ta' sewqan adottata mit-tieni Stat Membru – Obbligu għat-tieni Stat Membru li ma jirrikonoxxix, fit-territorju tiegħu, il-validità tal-liċenzja tas-sewqan li kienet suġġetta għal sospensjoni)***

(2022/C 451/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Sofiyski gradski sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

HV

*Fil-preżenza ta’*: Sofiyska gradska prokuratura

**Dispożittiv**

Id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2) u (4) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan.

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jawtorizzaw lill-Istat Membru ta’ residenza normali tad-detentur ta’ liċenzja tas-sewqan, maħruġa minn dan l-Istat Membru, li ma jirrikonoxxix u jeżegwixxi fit-territorju tiegħu deċiżjoni ta’ sospensjoni tad-dritt tas-sewqan ta’ vettura bil-mutur, adottata fir-rigward ta’ dan id-detentur minn Stat Membru ieħor, minħabba ksur ta’ regolament tat-traffiku mwettaq fit-territorju tagħha, inkluż meta din il-liċenzja tas-sewqan inħarġet bi skambju għal liċenzja tas-sewqan maħruġa qabel mill-Istat Membru fejn twettaq dan il-ksur ta’ regolament tat-traffiku.

[1] ĠU C 263, 05.07.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-6 ta’ Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – UAB “Vittamed technologijos”, fi stralċ vs Valstybinė mokesčių inspekcija**

**(Kawża C-293/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa – Oġġetti u servizzi użati mill-persuna taxxabbli għall-ħolqien ta’ beni kapitali – Artikoli 184 sa 187 – Aġġustament tat-tnaqqis – Obbligu ta’ aġġustament tat-tnaqqis tal-VAT fil-każ ta’ tpoġġija fi stralċ ta’ din il-persuna taxxabbli u tat-tħassir ta’ din tal-aħħar mir-reġistru tal-persuni taxxabbli suġġetti għall-VAT)***

(2022/C 451/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* UAB “Vittamed technologijos”, fi stralċ

*Konvenut:* Valstybinė mokesčių inspekcija

*fil-preżenza ta’*: Kauno apskrities valstybinė mokesčių inspekcija

**Dispożittiv**

L-Artikoli 184 sa 187 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

persuna taxxabbli għandha l-obbligu li taġġusta t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input imħallsa relatata mal-akkwist ta' oġġetti jew ta' servizzi intiżi sabiex jipproduċu beni kapitali, fil-każ fejn, minħabba d-deċiżjoni tal-proprjetarju jew tal-azzjonist uniku ta' din il-persuna taxxabbli li tpoġġi din tal-aħħar fi stralċ, kif ukoll tat-talba u l-ksib tat-tħassir tal-imsemmi persuna taxxabbli mir-reġistru tal-persuni taxxabbli suġġetti għall-VAT, il-beni kapitali maħluqa ma ġewx użati fil-kuntest ta' attivitajiet ekonomiċi ntaxxati u mhux ser ikunu qatt.

Ir-raġunijiet li jippermettu li tiġi ġġustifikata d-deċiżjoni ta' tpoġġija fi stralċ tal-istess persuna taxxabbli, u, għaldaqstant, l-abbandun tal-attività ekonomika taxxabbli prevista, bħal telf f'żieda kostanti, in-nuqqas ta' ordnijiet u d-dubji tal-azzjonist tal-persuna taxxabbli fir-rigward tal-profittabbiltà tal-attività ekonomika prevista, huma irrilevanti fir-rigward tal-obbligu ta' din tal-aħħar li taġġusta t-tnaqqis tal-VAT ikkonċernat, peress li din il-persuna taxxabbli ma għandhiex iktar l-intenzjoni, u dan b'mod definittiv, li tuża' l-imsemmija beni kapitali għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet intaxxati.

(1) ĠU C 289, 19.7.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – Agenzia delle Entrate vs Contship Italia SpA**

**(Kawża Magħquda C-433/21 u C-434/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni diretta – Libertà ta' stabbiliment – Taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji – Sistema fiskali kontra l-evażjoni għall-kumpanniji tal-isem – Determinazzjoni tad-dħul taxxabbli abbażi ta' dħul minimu preżunt – Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-sistema fiskali tal-kumpanniji u tal-entitajiet ikkwotati fis-swieq irregolati nazzjonali)***

(2022/C 451/06)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Agenzia delle Entrate

*Konvenut:* Contship Italia SpA

**Dispożittiv**

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-applikazzjoni tar-raġuni ta' esklużjoni tal-applikazzjoni tas-sistema fiskali kontra l-evażjoni għall-kumpanniji tal-isem għall-kumpanniji li t-titoli tagħhom huma nnegozjati fis-swieq irregolati nazzjonali filwaqt li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-raġuni ta' esklużjoni l-kumpanniji l-oħra, nazzjonali jew barranin, li t-titoli tagħhom ma humiex innegozjati fis-swieq irregolati nazzjonali, iżda li huma kkontrollati minn kumpanniji u minn entitajiet ikkwotati fi swieq irregolati barranin.

(1) ĠU C 422, 18.10.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – flightright GmbH vs American Airlines, Inc.**

**(Kawża C-436/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 3(1)(a) – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 2(f) sa (h) – Kunċett ta' "biljett" – Kunċett ta' "riservazzjoni" – Kunċett ta' "titjira konnessa" – Riservazzjoni permezz ta' aġenzija tal-ivjaġġar – Artikolu 7 – Kumpens tal-passiġġieri tal-ajru fil-każ ta' dewmien twil ta' titjira – Operazzjoni ta' trasport komposta minn diversi titjiriet operati minn trasportaturi tal-ajru effettivi separati – Titjira konnessa bi tluq minn ajruport li jinsab fi Stat Membru, b'waqfa fl-Isvizzera u b'destinazzjoni finali f' pajjiż terz)***

(2022/C 451/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* flightright GmbH

*Konvenut:* American Airlines, Inc.

**Dispożittiv**

L-Artikolu 2(h) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-kunċett ta' "titjira konnessa" ikopri operazzjoni ta' trasport komposta minn diversi titjiriet, operati minn trasportaturi tal-ajru effettivi separati li ma humiex marbutin minn relazzjoni legali speċifika, meta dawn it-titjiriet ikun ġew magħquda minn aġenzija tal-ivjaġġar li tkun iffatturat prezz totali u ħarġet biljett uniku għal din l-operazzjoni, b'tali mod li passiġġier bi tluq minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru u li jkun vittma ta' dewmien twil fil-wasla fid-destinazzjoni tal-aħħar titjira jista' jinvoka d-dritt għal kumpens abbażi tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament.

[1] ĠU C 452, 08.12.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022 – KN vs Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)**

**(Kawża C-673/21 P)** [1]

***(Appell – Dritt istituzzjonali – Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) – Kodiċi ta' kondotta – Allegazzjonijiet ta' fastidju psikoloġiku kontra membru tal-KESE – Investigazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) – Deċiżjoni li l-membru ma jibqax iżomm il-funzjonijiet tiegħu ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni tal-persunal – Rikors għal annullament u għal kumpens)***

(2022/C 451/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* KN (rappreżentanti: M. Aboudi u M. Casado García-Hirschfeld, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) (rappreżentanti: X. Chamodraka, M. Pascua Mateo, L. Camarena Januzec u A. Carvajal García-Valdecasas, aġenti, assistiti minn A. Duron, avukat)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) KN huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE).

---

([1]) ĠU C 11, 10.1.2022.

---

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2022 minn SFD S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-30 ta' Marzu 2022 fil-Kawża T-35/21 – SFD vs EUIPO – Allmax Nutrition (ALLNUTRITION DESIGNED FOR MOTIVATION)**

**(Kawża C-383/22 P)**

(2022/C 451/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* SFD S.A. (rappreżentant: T. Grucelski, adwokat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Permezz ta' digriet tas-17 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma humiex ammissibbli u li SFD S.A. għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Törvényszék (l-Ungerija) fl-24 ta' Ġunju 2022 – NW vs Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság, Miniszterelnöki Kabinetirodát vezető miniszter**

**(Kawża C-420/22)**

(2022/C 451/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Szegedi Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* NW

*Konvenuti:* Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság, Miniszterelnöki Kabinetirodát vezető miniszter

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta’ Novembru 2003 dwar l-istatus ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul [1] għandu, flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il-quddiem il-“Karta”) – u, jekk ikun il-każ, mal-Artikoli 7 u 24 tiegħu –, jiġi interpretat fis-sens li, minn naħa, l-awtorità nazzjonali li tkun, għal raġunijiet relatati mas-sigurtà nazzjonali, mal-ordni pubbliku u/jew mas-sigurtà pubblika, adottat deċiżjoni ta’ rtirar ta’ permess ta’ residenza fit-tul mogħti qabel lil ċittadin ta’ pajjiż terz u, min-naħa l-oħra, il-korpi speċjalizzati tal-Istat li jiddeċiedu dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni għandhom, meta l-awtorità responsabbli tindika li l-iżvelar ta’ data u ta’ informazzjoni jagħmel ħsara lis-sigurtà nazzjonali, jiżguraw li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat igawdi fil-każijiet kollha, bħar-rappreżentant tiegħu, id-dritt ta’ aċċess għall-inqas għall-punti sostanzjali tad-data u tal-informazzjoni kunfidenzjali jew ikklassifikata li huma l-bażi tad-deċiżjoni meħuda għar-raġunijiet indikati, kif ukoll id-dritt li jintużaw dawn l-elementi fil-qafas tal-proċedura li twassal għad-deċiżjoni?

2) Fil-każ ta’ risposta affermattiva, x’tifsira preċiża għandha tingħata lill-kunċett ta’ “sustanza” tar-raġunijiet kunfidenzjali li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 41 u 47 tal-Karta?

3) L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/109, fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali li tistħarreġ il-legalità ta’ opinjoni tal-korp speċjalizzat tal-Istat ibbażata fuq data kunfidenzjali jew ikklassifikata u d-deċiżjoni sostanzjali fil-qasam tal-immigrazzjoni bbażata fuq din l-opinjoni għandha jkollha l-kompetenza meħtieġa sabiex tivverifika l-legalità (neċessità u proporzjonalità) tal-klassifikazzjoni, u sabiex tadotta deċiżjoni speċifika li, fil-każ li l-klassifikazzjoni tkun illegali, tippermetti lill-persuna kkonċernata u lir-rappreżentant tagħha li jkunu jafu u jużaw id-data kollha li fuqha hija bbażata l-opinjoni jew id-deċiżjoni tal-awtoritajiet amministrattivi u, fil-każ li l-kunfidenzjalità hija legali, tagħti lill-persuna kkonċernata l-possibbiltà, fil-qafas tad-deċiżjoni ta’ immigrazzjoni li tikkonċernaha, li tkun taf u tuża għall-inqas is-sustanza tad-data kunfidenzjali?

4) L-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/109, flimkien mal-Artikoli 7, 24, l-Artikolu 51(1) u l-Artikolu 52(1) tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li tgħid li ġiet adottata deċiżjoni ta’ immigrazzjoni li tirtira permess ta’ residenza għal żmien twil mogħti qabel fuq il-bażi ta’ evalwazzjoni mhux motivata

i) li hija bbażata esklużivament fuq riferiment awtomatiku għal opinjoni, vinkolanti u li ma tammetti l-ebda deroga, maħruġa minn korpi speċjalizzati tal-Istat u li tikkonstata periklu jew ħsara fuq is-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew l-ordni pubblika, liema opinjoni hija stess hija mingħajr motivazzjoni, u

ii) li twettqet mingħajr eżami rigoruż tal-eżistenza, fil-każ individwali, ta’ raġunijiet ta’ sigurtà nazzjonali, ta’ sigurtà pubblika jew ta’ ordni pubbliku, u mingħajr ma ttieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi individwali u lanqas ir-rekwiżiti ta’ neċessità u ta’ proporzjonalità?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Wien (l-Awstrija) fit-28 ta’ Ġunju 2022 – VK vs N1 Interactive Ltd.**

**(Kawża C-429/22)**

(2022/C 451/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Wien

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* VK

*Konvenut:* N1 Interactive Ltd.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali ma tapplikax meta l-liġi applikabbli skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma I, li r-rikorrent jitlob l-applikazzjoni tagħha u li kienet tkun applikabbli li kieku r-rikorrent ma kellux il-kwalità ta’ konsumatur, tkun iktar favorevoli għar-rikorrent?

([1]) ĠU 2008 L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009 L 309, p. 87

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Törvényszék (l-Ungerija) fit-8 ta’ Awwissu 2022 – PQ vs Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság u Miniszterelnöki Kabinetirodát vezető miniszter**

**(Kawża C-528/22)**

(2022/C 451/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Szegedi Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* PQ.

*Konvenuti:* Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság, Miniszterelnöki Kabinetirodát vezető miniszter

**Domandi preliminari**

1) a) L-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-prattika ta’ Stat Membru li skontha deċiżjoni ta’ rtirar ta’ permess ta’ residenza mogħti preċedentement lil ċittadin ta’ pajjiż terz li huwa membru tal-familja ta’ ċittadini tal-Unjoni (tfal minuri, persuna f’koabitazzjoni barra mir-rabta taż-żwieġ) li jirrisjedu fl-Istat Membru li tiegħu huma għandhom in-nazzjonalità jew deċiżjoni ta’ ċaħda ta’ applikazzjoni għal estensjoni tad-dritt ta’ residenza (f’dan il-każ, applikazzjoni għal permess ta’ residenza nazzjonali) tiġi adottata mingħajr ma jiġi eżaminat minn qabel jekk il-membru tal-familja kkonċernat, ċittadin ta’ pajjiż terz, jibbenefikax minn dritt ta’ residenza derivat skont l-Artikolu 20 TFUE?

b) L-Artikolu 20 TFUE, moqri flimkien mal-Artikoli 7, 24, 51(1) u 52(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk jeżisti dritt ta’ residenza derivat abbażi tal-Artikolu 20 TFUE, id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat *ipso jure* mill-awtoritajiet amministrattivi kif ukoll mill-qrati tal-Istat Membru meta jadottaw deċiżjoni ta’ kontroll tal-barranin li tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal estensjoni tad-dritt ta’ residenza (f’dan il-każ, applikazzjoni għal permess ta’ residenza nazzjonali), u meta jieħdu inkunsiderazzjoni l-eċċezzjonijiet relatati mas-sigurtà nazzjonali, mal-ordni pubbliku u mas-sigurtà pubblika biex jiġġustifikawha, u meta, jekk jista’ jiġi stabbilit li tali eċċezzjoni tapplika, jwettqu l-eżami tan-neċessità u tal-proporzjonalità sabiex jiġġustifikaw r-restrizzjoni tad-dritt ta’ residenza?

2) L-Artikolu 20 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta – u, jekk ikun il-każ, mal-Artikoli 7 u 24 tagħha – għandu jiġi interpretat fis-sens li, minn naħa, l-awtorità nazzjonali li, għal raġunijiet relatati mas-sigurtà nazzjonali, l-ordni pubbliku u/jew is-sigurtà pubblika, adottat deċiżjoni li tirtira permess ta’ residenza ta’ residenti fit-tul mogħti preċedentement jew li tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal estensjoni tad-dritt ta’ residenza u, min-naħa l-oħra, il-korpi speċjalizzati tal-Istat li jiddeċiedu dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, għandhom, meta l-awtorità responsabbli tindika li l-iżvelar ta’ data u ta’ informazzjoni tkun ta’ ħsara għas-sigurtà nazzjonali, jiżguraw li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat, l-istess bħar-rappreżentant tiegħu, ikollu fil-każijiet kollha d-dritt ta’ aċċess għall-elementi minn tal-inqas sostanzjali tad-data u tal-informazzjoni kunfidenzjali jew klassifikata li fuqha hija msejsa d-deċiżjoni adottata għar-raġunijiet indikati, kif ukoll id-dritt li jużaw dawn l-elementi fil-kuntest tal-proċedura li twassal għad-deċiżjoni?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, x'sens preċiż għandu jingħata lill-kunċett ta' "sostanzjali" f'dak li jirrigwarda r-raġunijiet kunfidenzjali li fuqhom hija msejsa l-imsemmija deċiżjoni, meħuda inkunsiderazzjoni l-Artikoli 41 u 47 tal-Karta?

4) L-Artikolu 20 TFUE, fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali li tistħarreġ il-legalità ta' opinjoni ta' korp speċjalizzat tal-Istat imsejsa fuq data kunfidenzjali jew ikklassifikata u tad-deċiżjoni sostantiva fil-qasam ta' kontroll tal-barranin imsejsa fuq din l-opinjoni għandu jkollha l-ġurisdizzjoni meħtieġa sabiex tivverifika l-legalità (neċessità u proporzjonalità) tal-klassifikazzjoni, u sabiex tadotta deċiżjoni rispettiva li, fil-każ fejn il-klassifikazzjoni hija illegali, tippermetti li l-persuna kkonċernata u r-rappreżentant tagħha jsiru jafu u jużaw d-data kollha li fuqha hija bbażata l-opinjoni jew id-deċiżjoni tal-awtoritajiet amministrattivi u, fil-każ fejn il-klassifikazzjoni hija legali, tagħti lill-persuna kkonċernata l-possibbiltà, fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tal-barranin li tirrigwardaha, li ssir taf u li tuża minn tal-inqas il-punti sostanzjali tad-data kunfidenzjali?

5) L-Artikolu 20 TFUE, moqri flimkien mal-Artikoli 7, 24, 51(1) u 52(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat membru li skontha deċiżjoni ta' kontroll tal-barranin li tirtira permess ta' residenza ta' residenti fit-tul mogħti preċedentement jew li tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal estensjoni tad-dritt ta' residenza ġiet adottata abbażi ta' evalwazzjoni mhux motivata

   i) li hija msejsa esklużivament fuq riferiment awtomatiku għal opinjoni, vinkolanti u li ma tippermetti ebda deroga, maħruġa minn korpi speċjalizzati tal-Istat u li tikkonstata perikolu jew preġudizzju għas-sigurtà nazzjonali, għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku, u li lanqas ma hija, min-naħa tagħha, immotivata, u

   ii) li twettqet mingħajr eżami bir-reqqa tal-eżistenza, fil-każ individwali, tar-raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, ta' sigurtà pubblika jew ta' ordni pubbliku, u mingħajr teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi individwali u tal-eżiġenzi ta' neċessità u ta' proporzjonalità?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fid-9 ta' Awwissu 2022 – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca, Administrația Județeană a Finațelor Publice Cluj vs SC Westside Unicat**

**(Kawża C-532/22)**

(2022/C 451/13)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca, Administrația Județeană a Finațelor Publice Cluj

*Konvenut:* SC Westside Unicat

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 53 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika wkoll għal servizzi tat-tip inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri servizzi pprovduti mill-istudios tal-video chat lill-operatur tas-sit internet, li jikkonsistu f'sessjonijiet interattivi ta' natura erotika, iffilmjat u mxandar b'mod dirett permezz tal-internet (streaming dirett ta' kontenut diġitali)?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, sabiex tiġi interpretata l-frażi li tinsab fl-Artikolu 53 tad-Direttiva 2006/112, jiġifieri "il-post fejn dawk l-avvenimenti tabilħaqq iseħħu", huwa rilevanti l-post fejn il-mudelli jidhru quddiem il-webcam, il-post fejn huwa stabbilit l-organizzatur tas-sessjoni, il-post fejn il-klijenti jaraw l-immaġini jew għandu jiġi kkunsidrat post ieħor differenti minn dawk diġà indikati?

---

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija) fit-22 ta' Awwissu 2022 – SN u LN, irrappreżentata minn SN**

**(Kawża C-563/22)**

(2022/C 451/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad Sofia-grad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SN u LN, irrappreżentata minn SN

*Konvenut:* Zamestnik-predsedatel na Darzhavnata agentsia za bezhantsite

**Domandi preliminari**

1. Mill-Artikolu 40(1) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali ([1]) jirriżulta li fil-każ li jkun permess li tiġi eżaminata applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali, ippreżentata minn applikant ta' oriġini Palestinjana li huwa persuna mingħajr Stat u bbażata fuq ir-reġistrazzjoni tiegħu mal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA), fid-dawl taċ-ċirkustanzi ineżami, l-obbligu previst f'din id-dispożizzjoni għall-korpi kompetenti li jieħdu inkunsiderazzjoni u li jeżaminaw l-elementi kollha li fuqhom ikunu bbażati d-dikjarazzjonijiet ġodda jew l-applikazzjoni sussegwenti, interpretat fid-dawl tat-tieni [sentenza] tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija ([2]), jinkludi wkoll l-obbligu li jiġu eżaminati r-raġunijiet għaliex il-persuna kkonċernata telqet miż-żona li fiha topera l-UNRWA, flimkien mal-elementi jew id-dikjarazzjonijiet ġodda li jkunu s-suġġett tal-applikazzjoni sussegwenti? It-twettiq tal-imsemmi obbligu jiddependi mill-fatt li r-raġunijiet għaliex il-persuna kkonċernata telqet miż-żona li fiha topera l-UNRWA kienu diġà ġew eżaminati fil-kuntest tal-proċedura marbuta mal-ewwel applikazzjoni għal protezzjoni [internazzjonali] li wasslet għal deċiżjoni finali ta' rifjut, proċedura li fil-kuntest tagħha l-applikant kien naqas milli jinvoka u milli jipproduċi prova tar-reġistrazzjoni tiegħu mal-UNRWA?

2. Mit-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95 jirriżulta li l-espressjoni, prevista f'din id-dispożizzjoni, "[m]eta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun waqfet għal xi raġuni" tapplika għal persuna mingħajr Stat ta' oriġini Palestinjana li hija rreġistrata mal-UNRWA u li tirċievi minn din tal-aħħar għajnuna fil-Belt ta' Gaża f'termini ta' ikel, ta' servizzi tas-saħħa u ta' edukazzjoni, f'sitwazzjoni fejn ma jkun hemm ebda hjiel ta' theddid personali kontriha u fejn din il-persuna tkun telqet volontarjament u legalment mill-Belt ta' Gaża, u fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ segwenti:

— fil-mument tat-tluq is-sitwazzjoni ġenerali kienet deskritta bħala sitwazzjoni ta' kriżi umanitarja mingħajr preċedent minħabba n-nuqqas ta' ikel, ta' ilma għax-xorb, ta' servizzi tas-saħħa u ta' mediċini kif ukoll minħabba problemi marbuta mal-provvista tal-ilma u tad-dawl, mal-qerda ta' bini u ta' infrastruttura, u mal-qgħad;

— l-UNRWA kienet qiegħda taffaċċja diffikultajiet kbar sabiex issostni l-provvista ta' għajnuna u ta' servizzi f'Gaża, inkluż il-provvista ta' ikel u ta' servizzi tas-saħħa, minħabba defiċit kunsiderevoli fil-baġit tal-UNRWA u minħabba n-numru dejjem jikber tal-persuni li jiddependu fuq l-għajnuna ta' din l-aġenzija, filwaqt li s-sitwazzjoni ġenerali f'Gaża kompliet ixxekkel l-attivitajiet tal-UNRWA?

Ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun differenti għas-sempliċi raġuni li l-applikant ikun persuna vulnerabbli fis-sens tal-Artikolu 20(3) tal-istess direttiva, jiġifieri minuri?

3. It-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95 għandha tiġi interpretata fis-sens li applikant għall-protezzjoni internazzjonali, refuġjat Palestinjan irreġistrat mal-UNRWA, jista' jmur lura fiż-żona li fiha topera l-UNRWA li jkun telaq minnha, b'mod partikolari l-Belt ta' Gaża, meta fil-mument tal-istħarriġ quddiem il-qorti tar-rikors tiegħu kontra d-deċiżjoni ta' rifjut:

— ma jkunx hemm informazzjoni affidabbli li tindika li dan l-applikant ser ikun jista' jirċievi mingħand l-UNRWA l-għajnuna indispensabbli f'termini ta' ikel, ta' servizzi tas-saħħa, ta' mediċini u ta' prodotti mediċinali, u ta' edukazzjoni,

— l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ġenerali fil-Belt ta' Gaża u dwar l-UNRWA li tirriżulta mill-Pożizzjoni tal-UNHCR dwar ir-ritorn lejn Gaża ta' Marzu 2022 tqieset li hija raġuni għat-tluq miż-żona li fiha topera l-UNRWA u raġuni għan-nuqqas ta' ritorn lejn din iż-żona,

inkluż il-fatt li, mar-ritorn tiegħu, l-applikant ser ikun qiegħed jgħix f'kundizzjonijiet ta' għajxien aċċettabbli?

Fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Medda ta' Gaża fil-mument imsemmi u sa fejn l-applikant għall-protezzjoni internazzjonali jiddependi mill-għajnuna tal-UNRWA f'termini ta' ikel, ta' servizzi tas-saħħa, ta' mediċini u ta' prodotti mediċinali, is-sitwazzjoni personali tiegħu taqa' taħt l-interpretazzjoni ta' faqar estrem, taħt l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mogħtija fis-sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Abubacarr Jawo (C-163/17, EU:C:2019:218, punt 4 tad-dispożittiv), fid-dawl tal-applikazzjoni u tal-osservanza tal-projbizzjoni ta' refoulement fis-sens tal-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2011/95, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, fir-rigward ta' dan l-applikant?

Fid-dawl tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ġenerali fil-Belt ta' Gaża u dwar l-UNRWA, id-domanda dwar ir-ritorn lejn Gaża għandha tingħata risposta differenti minħabba s-sempliċi fatt li l-applikant għal protezzjoni huwa minuri, u dan fid-dawl tal-protezzjoni tal-interess superjuri tal-minuri u tal-għan li jitħarsu l-benesseri, l-iżvilupp soċjali u s-sigurtà tiegħu kif ukoll l-għajxien mingħajr perikolu tiegħu?

4. Fid-dawl tar-risposta għat-tielet domanda:

It-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95, u b'mod partikolari l-espressjoni, prevista f'din id-dispożizzjoni, "dawk il-persuni għandhom *ipso facto* jkunu intitolati għall-benefiċċji ta' din id-Direttiva", għandha tiġi interpretata, f'dan il-każ partikolari, fis-sens li:

(A) fir-rigward tal-applikant għall-protezzjoni, persuna mingħajr Stat Palestinjana rreġistrata mal-UNRWA, tapplika l-projbizzjoni ta' refoulement fis-sens tal-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2011/95, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għar-raġuni li, mar-ritorn tiegħu lejn il-Belt ta' Gaża, dan l-applikant ser ikun espost għar-riskju ta' trattament inuman u degradanti minħabba l-possibbiltà li jaqa' f'sitwazzjoni ta' faqar estrem, u għandu jitqies jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15[(b)] tad-Direttiva 2011/95 dwar l-eliġibbiltà għal protezzjoni sussidjarja,

jew

(B) din id-dispożizzjoni timplika, fir-rigward tal-applikant għall-protezzjoni, persuna mingħajr Stat Palestinjana rreġistrata mal-UNRWA, ir-rikonoxximent minn dan l-Istat Membru tal-istatus ta' refuġjat fis-sens tal-Artikolu 2[(d)] tad-Direttiva 2011/95 u l-għoti *ipso jure* tal-istatus ta' refuġjat lil dan l-applikant, sakemm ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(b) jew tal-Artikolu 12(2) u (3) ta' din id-direttiva, b'analoġija mal-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Abed El Karem El Kott *et* (C-364/11, EU:C:2012:826), mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant li huma rilevanti għall-kundizzjonijiet għall-għoti ta' protezzjoni previsti fl-Artikolu 15[(b)] tal-istess direttiva?

---

([1]) ĠU 2013, L 180, p. 60.
([2]) ĠU 2011, L 337, p. 9.

**Appell ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2022 minn Grail LLC mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla Estiża) fit-13 ta' Lulju 2022 fil-Kawża T-227/21, Illumina vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-625/22 P)**

(2022/C 451/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellant:* Grail LLC (rappreżentanti: D. Little, Solicitor, J. Ruiz Calzado, J. M. Jiménez Laiglesia, abogados, A. Giraud, avocat, S. Troch, advocaat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Illumina, Inc., Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Ellenika, Ir-Repubblika Franċiża, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, L-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA

### Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tħassar u tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2847 final tad-19 ta' April 2021, Każ COMP/M.10188 – Illumina vs Grail; id-deċiżjonijiet magħquda tal-Kummissjoni C(2021) 2848 final, C(2021) 2849 final, C(2021) 2851 final, C(2021) 2854 final u C(2021) 2855 final tad-19 ta' April 2021 kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2021 li tinforma lil Illumina u GRAIL li l-Kummissjoni kienet irċeviet referenza u li, b'konformità mal-Artikolu 22(4), Illumina u GRAIL ma setgħux jimplementaw il-konċentrazzjoni abbażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament KE dwar il-konċentrazzjonijiet ([1]);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għall-ispejjeż tal-appellanti, kemm għal din il-proċedura kif ukoll għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tieħu kwalunkwe miżura oħra li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis xierqa.

### Aggravji u argumenti prinċipali

GRAIL tinvoka tliet aggravji insostenn tal-appell tagħha. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi li twettqu fil-kuntest tal-interpretazzjoni storika, kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 22 tar-Regolament KE dwar il-konċentrazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata sa fejn ġie konkluż li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu referenza abbażi ta' din id-dispożizzjoni indipendentement mill-portata tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fis-sens li i) ma ġibdet ebda konsegwenza legali mill-konstatazzjoni korretta tal-"perijodu ta' żmien mhux raġonevoli" tal-Kummissjoni sabiex tibgħat lill-Istati Membri kollha l-ittra ta' stedina relatata mal-akkwist minn Illumina tal-kontroll esklużiv ta' GRAIL, u ii) sa fejn l-evalwazzjoni tagħha wasslet għall-konklużjoni li l-Kummissjoni ma kinitx kisret id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet matul il-proċedura li waslet għall-adozzjoni tal-ittra ta' stedina u fl-aħħar mill-aħħar tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2847. Fl-aħħar nett, it-tielet aggravju huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi mwettqa fl-evalwazzjoni tal-aspettattivi leġittimi u taċ-ċertezza legali li jirriżultaw mill-garanziji inkundizzjonali u preċiżi mogħtija mill-Kummissarju għall-Kompetizzjoni/viċi-Presidenta tal-Kummissjoni rigward il-mument u l-mod kif ir-reevalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tar-Regolament KE fuq il-konċentrazzjonijiet ser tiġi implimentata.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

# IL-QORTI ĠENERALI

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2022 – Ben Ali vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-170/21)** ([1])

***("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija – Mewt tar-rikorrent – Assenza ta' tkomplija tal-istanza mill-aventi kawża – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2022/C 451/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mehdi Ben Tijani Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali (Saint-Étienne-du-Rouvray, Franza) (rappreżentant: A. de Saint Reny, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Vétillard u V. Piessevaux, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/55 tat-22 ta' Jannar 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU 2021, L 23, p. 22), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/49 tat-22 ta' Jannar 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU 2021, L 23, p. 5), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh, u, min-naħa l-oħra, abbażi tal-Artikolu 268 TFUE, kumpens għad-dannu li huwa allegatament ġarrab b'riżultat ta' dawn l-atti.

**Dispożittiv**

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

2) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

([1]) ĠU C 217, 7.6.2021.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2022 – Biologische Heilmittel Heel vs EUIPO – Esi (TRAUMGEL)**

**(Kawża T-130/22)** ([1])

***(Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea TRAUMGEL – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti Traumeel – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Assenza ta' xebh bejn il-prodotti – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Rikors manifestament infondat fid-dritt)***

(2022/C 451/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Biologische Heilmittel Heel GmbH (Baden-Baden, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Künzel, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Ringelhann u J. Ivanauskas, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Esi Srl (Albisola Superiore, l-Italja)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament parzjali u l-modifika parzjali tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-20 ta' Diċembru 2021 (Każ R 813/2021-4).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.

2) Biologische Heilmittel Heel GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 171, 25.4.2022.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2022 – QZ vs EIB**

**(Kawża T-569/22)**

(2022/C 451/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* QZ (rappreżentanti: L. Levi u P. Baudoux, avukati)

*Konvenut:* Bank Ewropew tal-Investiment

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjonijiet tal-konvenut datati l-5 ta' Ottubru 2021 u t-8 ta' Marzu 2022 li fihom il-konvenut jallega li r-rikorrent kellu assenzi mhux iġġustifikati matul tliet perijodi kkontestati;

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tat-3 ta' Ġunju 2022 li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal reviżjoni amministrattiva u li tikkonferma li r-rikorrent kellu assenzi mhux iġġustifikati għal tliet perijodi kkontestati;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' kumpens għad-danni sostnuti mir-rikorrent; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka l-motivi li ġejjin.

1. Dwar l-ewwel perijodu kkontestat, ir-rikorrent iressaq tliet motivi, li jsostnu ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tal-Artikolu 3.6 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u, ksur tad-dmir ta' diliġenza.

2. Dwar it-tieni perijodu kkontestat, ir-rikorrent iressaq żewġ motivi, li jsostnu ksur tad-dmir ta' diliġenza u ksur tal-Artikolu 2.1, C, tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. Dwar it-tielet perijodu kkontestat, ir-rikorrent iressaq motiv wieħed, li jsostni li l-konvenut ma kellux dritt skont il-liġi li jikkontesta ċ-ċertifikat mediku tar-rikorrent.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2022 – Herbert Smith Freehills vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-570/22)**

(2022/C 451/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Herbert Smith Freehills LLP (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Wytinck, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla b'mod sħiħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2022) 4816 finali tat-3 ta' Lulju 2022, skont l-Artikolu 4 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; [1]

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 2(1) u 2(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, peress li l-Kummissjoni naqset milli tagħti aċċess għal informazzjoni mid-databases rilevanti li tikkwalifika bħala dokumenti li jidħlu fl-iskop tat-talbiet tar-rikorrenti, u l-Kummissjoni naqset milli tidentifika u tagħti aċċess għad-dokumenti kollha li jidħlu fl-iskop tat-talbiet tar-rikorrenti, inklużi d-dokumenti intermedjarji li fihom informazzjoni estratta mid-databases rilevanti.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 296 TFUE.

(1) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2022 – Sberbank Europe v SRB**

**(Kawża T-571/22)**

(2022/C 451/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Sberbank Europe AG (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: O. Behrends, avukat)

*Konvenut:* Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tas-SRB iddatata l-5 ta' Lulju 2022 (SRB/EES/2022/37) li permezz tagħha s-SRB iddetermina l-ispejjeż b'konnessjoni mar-riżoluzzjoni tas-sussidjarju Kroat tar-rikorrent u ta struzzjonijiet lill-Bank Nazzjonali Kroat li jnaqqas tali spejjeż mill-prezz tax-xiri pagabbli lir-rikorrent;

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tar-rikorrent.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata proċeduralment u sostantivament minħabba d-difetti speċifiċi li ġejjin relatati mad-deċiżjoni kkontestata:

   — Id-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikoli 22(6) u 28(2) tar-Regolament Nru 806/2014 [1] għaliex (a) l-ispejjeż ma jikkostitwixxux spejjeż raġjonevoli inkorsi b'mod xieraq b'konnessjoni mal-użu tal-għodod jew setgħat ta' riżoluzzjoni; (b) is-SRB ma ħax deċiżjoni xierqa fir-rigward tal-mod kif l-ispejjeż huma rkuprati minnu u missu impona l-ispejjeż fuq l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u għalhekk indirettament ix-xerrej; (ċ) l-Artikolu 28(2) tar-Regolament Nru 806/2014 jawtorizza biss lis-SRB jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' aspetti tal-eżekuzzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni filwaqt li l-ispejjeż li hemm riferiment għalihom fid-deċiżjoni kkontestata huma spejjeż assoċjati mal-proċedura li twassal għad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni; u (d) ir-Regolament Nru 806/2014 ma jawtorizzax lis-SRB jikseb pariri legali jew ta' xorta oħra bi spejjeż tal-entità taħt superviżjoni jew l-azzjonisti tagħha.

   — L-involviment ta' konsulenti esterni jikser l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi għal dritt għal kull persuna li jkollha l-kwistjonijiet tagħha ttrattati mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u mhux konsulenti esterni.

   — L-ispejjeż imposti fuq ir-rikorrent mid-deċiżjoni kkontestata jkunu fi kwalunkwe każ koperti mill-kontribuzzjonijiet regolari għall-infiq amministrattiv tas-SRB minn kull istituzzjoni taħt superviżjoni.

   — Isegwi *a contrario* mir-regoli speċjali li jippermettu l-irkupru ta' spejjeż għal konsulenza legali f'ċerti ċirkustanzi li tali spejjeż ġeneralment ma jistgħux jiġu rkuprati.

   — L-ispejjeż ma kinux inkorsi b'mod xieraq u raġjonevoli.

   — Ċerti spejjeż jikkonċernaw kwistjonijiet tad-dritt Kroat. L-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali biss huma responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt Kroat.

   — Ċerti spejjeż jikkonċernaw kwistjonijiet ta' sanzjonijiet li huma wkoll 'il barra mill-kompetenza tas-SRB.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, li hija proċeduralment u sostantivament illegali u qiegħda bħalissa tiġi mistħarrġa fil-Kawża T-524/22.

[1] Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2022 – Sberbank Europe vs SRB

**(Kawża T-572/22)**

(2022/C 451/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Sberbank Europe AG (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: O. Behrends, avukat)

*Konvenut:* Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tas-SRB iddatata l-5 ta’ Lulju 2022 (SRB/EES/2022/36) li permezz tagħha s-SRB iddetermina l-ispejjeż b’konnessjoni mar-riżoluzzjoni tas-sussidjarja Slovena tar-rikorrent u ta struzzjonijiet lill-Bank tas-Slovenja sabiex inaqqas tali spejjeż mill-prezz tax-xiri pagabbli lir-rikorrent;

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż tar-rikorrent.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata proċeduralment u sostantivament minħabba d-difetti speċifiċi li ġejjin relatati mad-deċiżjoni kkontestata:

   — Id-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikoli 22(6) u 28(2) tar-Regolament Nru 806/2014 [1] għaliex (a) l-ispejjeż ma jikkostitwixxux spejjeż raġjonevoli inkorsi b’mod xieraq b’konnessjoni mal-użu tal-għodod jew setgħat ta’ riżoluzzjoni; (b) is-SRB ma ħax deċiżjoni xierqa fir-rigward tal-mod kif l-ispejjeż huma rkuprati minnu u missu impona l-ispejjeż fuq l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u għalhekk indirettament ix-xerrej; (ċ) l-Artikolu 28(2) tar-Regolament Nru 806/2014 jawtorizza biss lis-SRB jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta’ riżoluzzjoni fir-rigward ta’ aspetti tal-eżekuzzjoni tal-iskema ta’ riżoluzzjoni filwaqt li l-ispejjeż li hemm riferiment għalihom fid-deċiżjoni kkontestata huma spejjeż assoċjati mal-proċedura li twassal għad-deċiżjoni ta’ riżoluzzjoni; u (d) ir-Regolament Nru 806/2014 ma jawtorizzax lis-SRB jikseb pariri legali jew ta’ xorta oħra bi spejjeż tal-entità taħt superviżjoni jew l-azzjonisti tagħha.

   — L-involviment ta’ konsulenti esterni jikser l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi għal dritt għal kull persuna li jkollha l-kwistjonijiet tagħha ttrattati mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u mhux konsulenti esterni.

   — L-ispejjeż imposti fuq ir-rikorrent mid-deċiżjoni kkontestata jkunu fi kwalunkwe każ koperti mill-kontribuzzjonijiet regolari għall-infiq amministrattiv tas-SRB minn kull istituzzjoni taħt superviżjoni.

   — Isegwi *a contrario* mir-regoli speċjali li jippermettu l-irkupru ta’ spejjeż għal konsulenza legali f’ċerti ċirkustanzi li tali spejjeż ġeneralment ma jistgħux jiġu rkuprati.

   — L-ispejjeż ma kinux inkorsi b’mod xieraq u raġjonevoli.

   — Ċerti spejjeż jikkonċernaw kwistjonijiet tad-dritt Sloven. L-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali biss huma responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt Sloven.

   — Ċerti spejjeż jikkonċernaw kwistjonijiet ta’ sanzjonijiet li huma wkoll ’il barra mill-kompetenza tas-SRB.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq deċiżjoni ta’ riżoluzzjoni, li hija proċeduralment u sostantivament illegali u qiegħda bħalissa tiġi mistħarrġa fil-Kawża T-523/22.

[1] Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

## Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Ottubru 2022 – CMB vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-619/22)**

(2022/C 451/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* CMB Colorex Master Batches BV (Helmond, il-Pajjiżi Baxxi) (rappreżentant: M. Wolf, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2022) 5829 final tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar l-irkupru fis-16 ta' Awwissu 2022 ta' ammont prinċipali ta' EUR 125 166,68 EUR flimkien mal-interessi moratorji għal ammont ta' 24 592,68, jiġifieri ammont totali ta' EUR 149 759,36 mingħand CMB Colorex Master Batches.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: id-dejn diġà tħallas.

2. It-tieni motiv: ksur tat-Trattati jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali relatata mal-applikazzjoni tagħhom;

   — l-azzjoni hija preskritta skont id-dritt Ewropew.

3. It-tielet motiv: id-dejn ġie stabbilit b'mod żbaljat

   — id-deċiżjoni kkontestata ġiet imfassla mingħajr diliġenza.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2022 – Vi.ni.ca. vs EUIPO – Venica & Venica (agricolavinica. Le Colline di Ripa)**

**(Kawża T-627/22)**

(2022/C 451/23)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Vi.ni.ca. Srl – soc. agr. (Ripalimosani, l-Italja) (rappreżentant: S. Di Pardo, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Venica & Venica di Gianni e Giorgio Venica Ss soc. agr. (Dolegna del Collio, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattivi tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali "agricolavinica. Le Colline di Ripa" bil-kuluri abjad, iswed, aħmar u aħdar –Trade mark tal-Unjoni Nru 18 196 079

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Lulju 2022 fil-Każ R 90/2022-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla jew tal-inqas tbiddel id-deċiżjoni kkontestata, billi tiddikjara valida it-trade mark ikkontestata, agricolavinica. Le Colline di Ripa, sa fejn hija ma tixbah la viżwalment, la fonetikament u lanqas kunċettwalment it-trade mark preċedenti, VENICA, u fejn ma hemm l-ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks inkwistjoni;

— tikkundanna lill-konvenut u l-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-10 ta’ Ottubru 2022 – LAICO vs Il-Kunsill

**(Kawża T-629/22)**

(2022/C 451/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Libyan African Investment Company (LAICO) (Tripli, il-Libja) (rappreżentanti: A. Bahrami u N. Korogiannakis, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1315 tas-26 ta’ Lulju 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja [1] sa fejn din iżżomm isem Libyan African Investment Company (LAICO) fuq il-lista ta’ entitajiet stabbilita fl-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta’ Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK [2];

— tannulla r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1308 tas-26 ta’ Lulju 2022 [3] li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta’ Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 [4] sa fejn dan iżomm isem LAICO fuq il-lista ta’ entitajiet stabbilita fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44;

— tikkundanna lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż legali tar-rikorrenti kif ukoll spejjeż oħra tar-rikorrenti sostnuti fir-rigward tar-rikors.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta’ Lulju 2015 u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta’ Jannar 2016.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu tal-Kunsill li jżomm il-miżuri restrittivi kollha taħt kontroll sabiex jiżgura li dawn ikomplu jikkontribwixxu lejn l-ilħiq tal-għanijiet iddikjarati tagħhom.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball ta’ evalwazzjoni jew, b’mod alternattiv, fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni mwettaq meta nżamm isem ir-rikorrenti fuq il-lista ta’ entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi. Ir-raġuni għaż-żamma ta’ isem ir-rikorrenti fuq il-listi inkwistjoni ma hijiex konformi mal-kriterju ġenerali għall-elenkar. Il-Kunsill naqas milli jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jiżgura li r-raġuni għaż-żamma ta’ isem ir-rikorrenti fuq il-lista ta’ entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi kienet konformi mal-kriterju ġenerali għall-elenkar stabbilit fl-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq bidla ta’ motivazzjoni insuffiċjenti u kontradittorja: ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni, ksur tal-Artikolu 296 tat-TFUE, ksur ta’ rekwiżit formali essenzjali u tad-dritt għal rimedju effettiv.

(1) Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1315 tas-26 ta’ Lulju 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2022, L 198, p. 19).

(2) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta’ Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU 2015, L 206, p. 34).

(3) Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1308 tas-26 ta’ Lulju 2022 li jimplimenta Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2022, L 198, p. 1).

(4) Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta’ Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 (ĠU 2016, L 12, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 6, p. 10).

## Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Ottubru 2022 – Fridman *et* vs Il-Kunsill

**(Kawża T-635/22)**

(2022/C 451/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Mikhail Fridman (Londra, ir-Renju Unit), Petr Aven (Virginia Water, ir-Renju Unit), German Khan (Londra) (rappreżentanti: T. Marembert u A. Bass, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament (UE) 2022/1273 tal-Kunsill tal-21 ta’ Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (1) sa fejn jirrigwarda lir-rikorrenti;

u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq nuqqas ta’ bażi legali. Skont ir-rikorrenti, il-Kunsill ma jistax jimponi obbligi pożittivi, *a fortiori* daqshekk sostanzjali, fuq il-persuni li huwa jissanzjona.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta’ bażi legali u ksur tal-Artikoli 4, 5, 25 u 40 tat-TUE u tal-Artikoli 3, 4, 82, 83 u 215 tat-TFUE. Ir-rikorrenti jsostnu, f’dan ir-rigward, li billi obbliga lill-Istati Membri jqisu kull ksur tal-obbligu ta’ dikjarazzjoni tal-patrimonju proprju bħala evitar ta’ sanzjonijiet, il-Kunsill, li jaf li 25 mis-27 Stat Membru jissanzjonaw kriminalment l-evitar ta’ sanzjonijiet, stabbilixxa lilu nnifsu bħala leġiżlatur kriminali.

(1) ĠU 2022, L 194, p. 1.

## Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Ottubru 2022 – U. I. Lapp vs EUIPO – Labkable Asia (Labkable Solutions for cables)

**(Kawża T-636/22)**

(2022/C 451/26)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* U. I. Lapp GmbH (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Ingerl u M. Ringer, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Labkable Asia Ltd (Kowloon, Ħong Kong, iċ-Ċina)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "Labkable Solutions for cables" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 123 696

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Lulju 2022 fil-Każ R 1894/2021-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tibdel id-deċiżjoni kkontestata sabiex l-appell ippreżentat mill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell jiġi miċħud;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2022 – Westpole Belgium u Unisys Belgium vs Il-Parlament

## (Kawża T-640/22)

(2022/C 451/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Westpole Belgium (Vilvoorde, il-Belġju), Unisys Belgium (Machelen, il-Belġju) (rappreżentant: A. Vercruysse, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— prinċipalment, tannulla d-deċiżjonijiet tal-konvenut:

  — li jagħti l-lott 7 tal-kuntratt bit-titolu "PE/ITEC-ITS19-External Provision of IT Services" lit-tliet l-ewwel offerenti elenkati hawn taħt:

    — l-Ewwel Post: OneCode, grupp ta' operaturi ekonomiċi mmexxi mill-fergħa Belġjana ta' NTT Data Spain S.L.U., u li l-kokontraenti tiegħu huma, ARHS Developments S.A., SWORD Technologies S.A. u SOGETI Luxembourg S.A.; sede tal-grupp ta' operaturi ekonomiċi: B-1000 Brussell (il-Belġju), rue de Spa 8;

- — It-Tieni Post: Consortium APC, grupp ta' operaturi ekonomiċi mmexxi minn Atos Luxembourg PSF, u li l-kokontraenti tiegħu huma, PWC EU Services u Computer Resources International Luxembourg; sede tal-grupp ta' operaturi ekonomiċi: L-3364 Leudelange (il-Lussemburgu), rue du Château d'Eau 12;

- — It-Tielet Post: FACI²T Consortium? grupp ta' operaturi ekonomiċi mmexxi minn CTG IT Solutions S.A., u li l-kokontraenti tiegħu huma, Fujitsu Technology Solutions N.V./S.A., Netcompany Intrasoft S.A. u AXIAN-SEU – DIGITAL SOLUTIONS S.A., sede tal-grupp ta' operaturi ekonomiċi: L-8070 Bertrange (il-Lussemburgu), rue des Mérovingiens 7;

— li ma jagħtix l-imsemmi kuntratt lill-konsorzju InfraExpert, li r-rikorrenti hawn fuq imsemmija jifformaw parti minnu, konsorzju maħluq għas-sottomissjoni ta' offerta fil-kuntest tal-proċedura ta' għoti kontenzjuża, kif ukoll għall-iffirmar u għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt-qafas u tal-ftehimiet speċifiċi li jistgħu jiġu ffirmati wara l-għoti tal-kuntratt – deċiżjoni ta' rifjut ta' għoti nnotifikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra rreġistrata tat-3 ta' Ottubru 2022, bir-referenza GEDA (2022) 27063;

— sussidjarjament, qabel ma tiddeċiedi, jekk il-Qorti Ġenerali tkun tqis li teħtieġ iktar informazzjoni:

— tordna l-produzzjoni, mill-konvenut hawn fuq imsemmi, tad-dokumenti sussegwenti:

- — id-deċiżjoni jew id-deċiżjonijiet relatati "maċ-ċirkustanzi mhux tas-soltu marbuta ma' sitwazzjoni possibbli ta' esklużjoni ta' diversi offerenti", li jsir riferiment għalihom fit-talbiet tal-konvenut għall-estensjoni tat-tul tal-validità tal-offerti fil-kuntest tal-proċedura ta' għoti kontenzjuża;

- — id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konsorzju OneCode u/jew tal-fergħa Belġjana ta' NTT Data Spain S.L.U.,

- — ir-raġunijiet għall-esklużjoni ta' EVERIS S.L.U. mil-lott 3 u mil-lott 8 tal-kuntratt kontenzjuż;

- — it-tweġiba tal-benefiċċjarji tal-kuntratt kontenzjuż għall-Parti C "Kwestjonarju ta' evalwazzjoni teknika" tat-Technical specifications;

- — it-tweġibiet (kwestjonarju + tabella Excel tal-prezzijiet) tal-benefiċċjarji għall-Anness II tat-Technical specifications "formola ta' evalwazzjoni tal-prezzijiet (lott 1 sa lott 10) – jew għall-inqas l-estratti rilevanti għal-lott 7.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur probabbli tal-Artikoli 136 u 140 tar-Regolament 2018/1046 [1]. Ir-rikorrenti jsostnu li l-konvenut naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji meħuda fir-rigward ta' membru tal-konsorzju mqiegħed fl-ewwel post tal-offerenti rebbieħa.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 160 tar-Regolament 2018/1046. Ir-rikorrenti jqisu li, billi naqas milli jeskludi mill-inqas offerta waħda anormalment baxxa, il-konvenut illegalment ċaħad l-offerta tar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq riżervi fir-rigward tal-evalwazzjoni teknika u fuq ksur possibbli tal-Artikolu 160 tar-Regolament 2018.1046 fuq dan il-punt ukoll. Ir-rikorrenti, b'mod partikolari, isostnu li l-evalwazzjoni teknika tal-offerti, li għandha influwenza ugwali għal 70 % fil-kunsiderazzjoni tal-kriterji ta' għoti, hija bbażata fuq wisq evalwazzjonijiet suġġettivi sabiex tkun tista' tiġi mistħarrġa b'mod serju mill-Qorti Ġenerali.

(1) Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Ottubru 2022 – Portigon vs SRB**

**(Kawża T-641/22)**

(2022/C 451/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Portigon AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Bliesener, V. Jungkind u F. Geber, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tas-SRB tal-25 ta’ Lulju 2022 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2017 lill-Fond uniku ta’ riżoluzzjoni (SRB/ES/2022/41), sa fejn hija tikkonċerna lir-rikorrenti;

— tissospendi l-proċedura skont l-Artikolu 69(c) u (d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali sakemm tingħata deċiżjoni definittiva fil-Kawżi T-413/18 ([1]), T-481/19 ([2]), T-339/20 ([3]), T-424/20 ([4]) u T-360/21 ([5]) jew sakemm dawn il-proċeduri jintemmu bi kwalunkwe mod ieħor;

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka disa’ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 ([7]) u tat-Trattat FUE, inkwantu r-rikorrenti ġiet suġġetta għal kontribuzzjonijiet lill-Fond uniku ta’ reżoluzzjoni (iktar ’il quddiem il-“Fond”).

   — Huwa b’mod żbaljat li s-SRB issuġġetta lir-rikorrenti għall-obbligu ta’ kontribuzzjoni, peress li r-Regolament Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) ma jipprevedux l-obbligu ta’ kontribuzzjoni għall-istabbilimenti suġġetti għal proċedura ta’ riżoluzzjoni.

   — Il-leġiżlatur ma kellux jibbaża l-obbligu ta’ kontribuzzjoni fuq l-Artikolu 114 TFUE, minħabba l-assenza ta’ konnessjoni mas-suq intern. L-armonizzazzjoni tas-sistema ta’ kontribuzzjoni fuq il-livell tal-Unjoni ma tiffaċilitax l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali u lanqas ma telimina id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni sinjifikattivi li jikkonċernaw l-istabbilimenti li telqu mis-suq.

   — Huwa b’mod żbaljtat li s-SRB issuġġetta lir-rikorrenti għall-obbligu ta’ kontribuzzjoni, peress li l-istabbiliment ma huwiex espost għal riski, resoluzzjoni skont ir-Regolament Nru 806/2014 hija eskluża u l-istabbiliment ma għandu ebda importanza fir-rigward tal-istabbilità tas-sistema finanzjarja.

   — Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 ([9]) jmur kontra l-Artikolu 114 TFUE kif ukoll għall-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59 bħala dispożizzjoni essenzjali (it-tieni sentenza tal-Artikolu 290(1) TFUE).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 41(2)(ċ), u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), peress li l-metodu ta’ kalkolu ma jippermettix li tiġi ġġustifikata b’mod sħiħ il-kontribuzzjoni. Ir-Regolament ta’ Delega 2015/63 huwa parzjalment ivvizzjat b’invalidità.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 16 u 20 tal-Karta, peress li minħabba s-sitwazzjoni partikolari tar-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ġenerali ta’ ugwaljanza kif ukoll id-dritt fundamentali għal-libertà ta’ intrapriża.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li l-adozzjoni retroattiva tad-deċiżjoni kkontestata ma hijiex awtorizzata.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur ta' rekwiżiti formali essenzjali, peress li s-SRB ma semgħax b'mod suffiċjenti lir-rikorrenti qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u ma mmotivahiex b'mod suffiċjenti.

6. Is-sitt motiv, imqajjem b'mod sussidjarju u bbażat fuq il-fatt li l-istabbiliment, mis-SRB, ta' tliet kategoriji għall-indikatur "sħubija f'sistema ta' protezzjoni istituzzjonali" ma jistax jinftiehem.

7. Is-seba' motiv, imqajjem b'mod sussidjarju u bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59, peress li, matul il-kalkolu tal-ammont ta' kontribuzzjoni, is-SRB kellu jeskludi l-passiv mingħajr riskju mill-passiv rilevanti.

8. It-tmien motiv, imqajjem b'mod sussidjarju u bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 5(3) u (4) tar-Regolament ta' Delega 2015/63, peress li kien b'mod żbaljat li s-SRB ikkalkola l-kontribuzzjonijiet tar-rikorrenti b'teħid inkunsiderazzjoni tal-valur gross tal-kuntratti tagħha tad-derivati.

9. Id-disa' motiv, imqajjem b'mod sussidjarju u bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 6(8)(a) tar-Regolament ta' Delega 2015/63, peress li kien b'mod żbaljat li s-SRB qies lir-rikorrenti bħala stabbiliment li għaddej minn ristrutturazzjoni.

---

(1) ĠU 2018, C 294, p. 41.
(2) ĠU 2019, C 305, p. 60.
(3) ĠU 2020, C 240, p. 34.
(4) ĠU 2020, C 279, p. 70.
(5) ĠU 2021, C 320, p. 53.
(6) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).
(7) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 tad-19 ta' Diċembru 2014 li jispeċifika kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 15, p. 1).
(8) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).
(9) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, u rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

---

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2022 – Yanukovych vs Il-Kunsill

## (Kawża T-642/22)

(2022/C 451/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Oleksandr Viktorovych Yanukovych (Saint Petersburg, ir-Russja) (rappreżentant: B. Kennelly, Barrister)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1355 tal-4 ta' Awwissu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina [1] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1354 tal-4 ta' Awwissu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina [2], safejn dawn japplikaw għar-rikorrent. Ir-rikorrent jitlob ukoll li l-konvenut jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill għamel żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta ddetermina li l-kriterju ta' nomina kien issodisfat. B'mod partikolari, il-Kunsill aċċetta *prima facie*, mingħajr ebda tentattiv ta' verifika, asserzjonijiet, allegazzjonijiet u anki opinjonijiet mhux sostanzjati u fil-biċċa l-kbira storiċi minn diversi rapporti tal-media ta' affidabbiltà dubjuża. Il-Kunsill ippreżenta dawn it-talbiet u l-akkużi bħala fatt, minkejja l-ħafna ineżattezzi u inkonsistenzi identifikati mir-rikorrent fl-osservazzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill kellu jwettaq iktar investigazzjoni kellu jagħmel eżami xieraq tas-suffiċjenza, tal-kredibbiltà, u tal-affidabbiltà tal-materjal li fuqu bbaża ruħu, iżda huwa naqas milli jagħmel dan. B'konsegwenza ta' dan, ma hemm l-ebda bażi fattwali soda biżżejjed għas-sanzjonijiet ta' Awwissu 2022 u għalhekk għandhom jiġu annullati.

(1) ĠU 2022, L 204 I, p. 4.
(2) ĠU 2022, L 204 I, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2022 – Yanukovychvs Il-Kunsill**

**(Kawża T-643/22)**

(2022/C 451/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Viktor Fedorovych Yanukovych (Rostov-on-Don, ir-Russja) (rappreżentant: B. Kennelly, Barrister)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1355 tal-4 ta' Awwissu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina [1] u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1354 tal-4 ta' Awwissu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina [2], safejn dawn japplikaw għar-rikorrent. Ir-rikorrent jitlob ukoll li l-konvenut jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill għamel żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta ddetermina li l-kriterju ta' nomina kien issodisfat. B'mod partikolari, il-Kunsill aċċetta *prima facie*, mingħajr ebda tentattiv ta' verifika, asserzjonijiet, allegazzjonijiet u anki opinjonijiet mhux sostanzjati u fil-biċċa l-kbira storiċi minn diversi rapporti tal-media ta' affidabbiltà dubjuża. Il-Kunsill ippreżenta dawn it-talbiet u l-akkużi bħala fatt, minkejja l-ħafna ineżattezzi u inkonsistenzi identifikati mir-rikorrent fl-osservazzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill kellu jwettaq iktar investigazzjoni kellu jagħmel eżami xieraq tas-suffiċjenza, tal-kredibbiltà, u tal-affidabbiltà tal-materjal li fuqu bbaża ruħu, iżda huwa naqas milli jagħmel dan. B'konsegwenza ta' dan, ma hemm l-ebda bażi fattwali soda biżżejjed għas-sanzjonijiet ta' Awwissu 2022 u għalhekk għandhom jiġu annullati.

(1) ĠU 2022, L 204 I, p. 4.
(2) ĠU 2022, L 204 I, p. 1.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2022 – Interfloat u GMB vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-530/20)** ([1])

(2022/C 451/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 329, 5.10.2020.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT